

Brussell, 14 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

11232/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0267 (NLE)**

---

**AELE 65**  
**EEE 49**  
**N 88**  
**ISL 44**  
**FL 44**  
**JUR 463**  
**SOC 458**  
**SAN 492**  
**MI 599**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +))

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31  
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet,  
anness mal-Ftehim ŻEE  
(Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +))**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-punt (d) tal-Artikolu 46, l-Artikolu 149, il-punt (a) tal-Artikolu 153(2), l-Artikolu 164, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 349, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> (il-“Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Taħt l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba’ libertajiet (il-“Protokoll 31”), anness mal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Jenħtiegħ għalhekk li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant, jenħtiegħ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE<sup>1</sup>.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST 11233/21 hawnhekk: <http://register.consilium.europa.eu>